MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Numru. 916/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Nicholas Agius ta' 37 sena, bin John u Victoria xebba Sammut, imwieled gewwa San Giljan, nhar l-14 ta' Lulju, 1976 u residenti gewwa fond Block G-1, Flat 1, Triq it-Trincetta, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 355176(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe`:

1. talli nhar it-22 ta' Lulju, 2013, ghall-habta tal-9.45 ta' filghodu minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala Scan

Computers li jinsab sitwat gewwa lokalita` tal-Iklin, ikkommetta serq ta' 'mobile phone' tad-ditta *Samsung Galaxy* ghad-dannu tas-sidien ta' l-imsemmi stabbiliment, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. talli nhar il-5 ta' Awissu, 2013, ghall-habta nofsinhar (12:00hrs) minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala Doneo Service Centre li jinsab sitwat gewwa l-lokalita` tal-Hamrun, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' 'speakers' tad-ditta *Bose* ghad-dannu tas-sidien ta' l-imsemmi stabbiliment, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

3. talli nhar is-6 ta' Awissu, 2013, ghall-habta tal-10.00 ta' filghodu minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala Tabone Computer Centre li jinsab sitwat gewwa l-lokalita` ta' Santa Venera, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' zewg tablets tad-ditta *Yawik* u note book tad-ditta *HP Pink* ghad-dannu tas-sidien ta' l-imsemmi stabbiliment, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

4. talli nhar it-18 ta' Settembru, 2013, ghall-habta tal-10.45 ta' filghodu minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala Compunet li jinsab sitwat gewwa l-lokalita` tal-Mosta, ikkommetta serq ta' zewg tablets tad-ditta *Warvik u Aqprox* ghad-dannu tas-sidien ta' l-imsemmi stabbiliment, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

5. talli nhar is-17 ta’ Settembru, 2013, ghall-habta ta’ bejn l-10.00 u l-11.00 ta’ filghodu minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala Rod and Mar Stationery li jinsab sitwat gewwa l-lokalita` tal-Mosta, ikkommetta serq ta’ zewg kotba ghall-valur ta’ €23 ghad-dannu tas-sidien ta’ l-imsemmi stabbiliment;

6. talli f’xi gurnata mhix maghrufa matul ix-xahar ta’ Settembru, 2013, minn gewwa l-istabbiliment Maypole li jinsab sitwat gewwa l-lokalita` ta’ San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta’ karus tal-flus li kien fih madwar €10 ghasd-dannu tas-sidien ta’ l-imsemmi stabbiliment u jew ta’ persuni ohra;

7. talli laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkiwstati b’reat jew b’kull mod indahal biex ibiegghom jew imexxihom.

8. talli kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza mghotija lilu fl-20 ta’ Jannar, 2011, mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Magistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

9. talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza li kienet imposta fuqu mill-Qorti ta’ Malta (Magt. Dr. D. Clarke LL.D.) b’sentenza mghotija lilu nhar id-19 ta’ Lulju, 2013, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien misjub hati ta’ diversi

sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet u anke wassalha sabiex issolvi reati ohra ta’ serq li fihom hu involut hu.  Fuq kollox il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Ivan Sultana li spjega li l-imputat ghandu problema serja tal-vizzju tad-droga u anke problemi socjali ohra li ma kienx qed jindirizzahom kif mixtieq.  Il-Qorti ghalhekk fid-dawl ta’ dan kollu tqis illi f’dan il-kaz ma hemmx triq ohra hlief li tigi imposta piena karcerarja effettiva fuq l-imputat bit-tama illi matul il-prigunerija tieghu fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin huwa ikun jista’ jindirizza l-problema tieghu tal-vizzju tad-droga u ghalhekk il-Qorti qed taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat jibda jsegwi programm residenzjali gharf-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga fil-perjodu li jkun inkarcerta u li jkun segwit minn psikjatra u psikologu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(a), 284, 18, 31, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet

ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sena prigunerija.

Wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tittratta mal-hati dwar is-sentenza tal-20 ta’ Jannar, 2011 mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn giet imposta Ordni ta’ Probation fejn wara li rat l-artikoli 289, 261, 267, 279. 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 4 tal-Avviz Legali 101.02, Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta’ sena prigunerija u multa ta’ hames mitt euro (€500). Wara li rat l-artikolu 28B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tittratta mal hati dwar is-sentenza sospiza tad-19 ta’ Lulju, 2013 mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn l-imputat gie ikkundannat ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin billi iggib fis-sehh l-imsemmija sentenza ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija. B’kollox ghalhekk l-imputat irid jiskonta sentenza ta’ tlett snin u nofs prigunerija.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------